**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**L-AVUKAT DR. IAN VELLA GALEA (Detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru 264779M) BHALA MANDATARJU SPECJALI TA' INGRID MIFSUD BONICI (Detentrici tal-Karta tal-Identita b'Numru 9017348M)**

**Vs**

**JOSEPHINE BONELLO (Detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 1081548M)**

**Rikors Guramentat Numru: 40/17**

Illum 15 ta' Dicembru 2017

Il-Bord,

Ra r-rikors guramentat ta' l-avukat Dr Ian Vella Galea bhala mandatarju specjali ta' Ingrid Mifsud Bonici li jaqra hekk:

1. Illi r-rikorrenti Ingrid Misud Bonici hija l-proprjetarja tal-fond bin-numru 171, Triq Ghajn Dwieli, Paola;

2. Illi omm ir-rikorrenti Ingrid Mifsud Bonici u cioe' Giovanna Agius nee Griscti Soler (illum defunta) originarjament kienet kriet il-propjeta' lill-intimata Josephine Bonello, liema proprjeta' intirtet mill-attrici, versu l-ammont ta' mija u zewg euros u disgha u erbgin centezmu (€102.49), liema ammont kien suggett ghal zieda skont l-emendi tal-ligi li gew fis-sehh fl-elfejn u ghaxra (2010) u ghalhekk tela' ghal mija u hamsa u tmenin centezmu (€185) skont l-Artikolu 1531C tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

**3.** Illi l-intimata ilha ma thallas il-kera minnha dovuta mis-sena elf disgha mija u tmienja u disghin (1998) u dana nonostante l-fatt illi hija kienet interpellata taghmel dan diversi drabi mir-rikorrenti, inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 13 ta' Ottubru 2014 debitament notifikata lill-intimata, hawn annessa u mmarkata bhala **Dok A;**

4. Illi ghaldaqstant l-intimata hija debitrici tal-attrici fis-somma ta' elf disgha mija u tlieta u disghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€1993.41) rapprezentanti kera mhux imhallsa ghall-fond bin-numru 171, Triq Ghajn Dwieli, Paola minn Frar 1998 sa Frar 2017;

5. Illi dan l-arnmont rapprezentanti kera rnhux imhallsa huwa ghalhekk dejn cert, likwidu u dovut mill-intimata;

6. ILLI in oltre jirrizulta wkoll li l-intimata effettivament abbandunat il-fond in kwistjoni u ghalhekk tissussisti raguni ohra valida fil-ligi sabiex l-ewwel u t-tielet talba rikorrenti jigu milqugha;

7. ILLI fl-umli fehma tar-rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti **mill-Artikolu 16 A tal-Ordinanza li Tirregola** t-Tigdid **tal-Kiri ta' Bini [Kap 69** tal-Ligijiet **ta' Malta]** sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh taghha billi l-intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talbiet tal-attrici;

8. ILLI l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost u prevja kull dikjarazzjoni ohra li dan il-Bord jidhirlu xierqa, l-esponent titlob bir-risett lil dan l-Onrabbli Bord joghgbu:

1. Jiddeciedi t-talbiet bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 16A tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Jiddikjara l-intimata debitrici tal-atturi ghall-arretrati ta' kera minn Frar 1998 sa Frar 2017 tal-ammont totali ta' elf disgha mija u tlieta u disghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€1993.41) u konsegwentement jikkundannaha thallas lill-atturi l-istess ammont dovut;

3. Jiddikjara li l-intimata effettivament abbandunat il-fond 171, Triq Ghajn Dwieli, Paola;

4. Konsegwentement jordna lill-intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju lilha prefiss, tizgombra mill-fond 171, Triq Ghajn Dwieli, Paola *ai termini* tal-Artikolu 9 tal-Ordinanza li Tirregola t- Tigdid tal-Kiri ta' Bioi [Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta].

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimata li tibqa' minn issa ngunta in subizzjoni.

B'riserva ghal kull azzjonji ohra spettanti lill-esponenti skont il-ligi.

Ra d-dikjarazzjoni guramentata tar-rikorrenti.

Ra li l-intimata giet debitament notifikata izda ma dehritx sabiex tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

Sema' x-xhieda.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra:

Mill-atti rrizulta li l-intimata kienet tikri l-fond inkwistjoni minghand omm ir-rikorrenti li eventwalment il-proprjeta' intirtet mill-istess rikorrenti. L-intimata ilha sa mis-sena 1998 ma thallas kera. Ghalhekk ir-rikorrenti permezz ta' ittra ufficjali li giet notifikata lill-intimata f'fond divers minn dak mertu tal-proceduri odjerni giet interpellata sabiex tivvaka mill-fond de quo u thallas il-kera dovuta.

Nonostante dan l-intimata ma radditx lura l-pussess tal-fond lir-rikorrenti u Hija lanqas dehret biex tikkontesta t-talbiet imressqa.

Ghalhekk isegwi li t-talbiet tar-rikorrenti jimmeritaw li jintlaqghu.

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti nomine u ai fini ta' zgumbrament jordna lill-intimata sabiex fit-terminu perentorju ta' tletin (30) jum tizgombra mill-fond 171, Triq Ghajn Dwieli, Paola.

Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba ghandhom ikunu sopportati mill-intimata.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**